IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.12.2012
COM(2012) 782 final

2012/0364 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni għas-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rappurtar u l-awditjar finanzjarju għall-perjodu 2014-2020

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2012) 444 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Is-suq uniku huwa wieħed mill-akbar kisbiet tal-Unjoni Ewropea. L-integrazzjoni u suq intern li jaħdem sew huma indispensabbli biex l-istrateġija Ewropa 2020 ikollha suċċess u biex l-ekonomija tal-UE titpoġġa fit-triq tat-tkabbir sostenibbli sabiex tingħeleb il-kriżi finanzjarja u dik sussegwenti tad-dejn sovran li żviluppaw sa mill-2008.

Billi s-swieq kapitali huma globali, l-armonizzazzjoni tar-rappurtar finanzjarju u tar-regoli tal-awditjar fil-livell globali hija essenzjali għall-funzjonament bla xkiel tas-swieq kapitali kif ukoll għar-realizzazzjoni ta' suq integrat għas-servizzi finanzjarji fl-UE. Minflok ma introduċiet sett proprju ta' standards reġjonali għar-rappurtar finanzjarju, u b'hekk tarmonizza l-leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE iżda żżid il-frazzjonijiet reġjonali fuq livell globali, fl-2002 l-UE ddeċidiet li tadotta l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà (IFRS).

B'aktar u aktar pajjiżi jersqu lejn u jadottaw l-IFRS, l-Ewropa ser ikollha bżonn aktar saħħa fil-proċess tal-istipular tal-istandards internazzjonali biex il-vuċi tagħha tinstema. Sabiex tinstema' u tingħata widen, l-Unjoni trid titkellem b'vuċi waħda. L-EFRAG[1], il-konsulent tekniku tal-Kummissjoni Ewropea fil-kwistjonijiet tal-kontabbiltà gradwalment ħa r-rwol li jipprovdi input upstream, tekniku u kredibbli fil-proċess tal-istipular tal-istandards mill-IASB.

Kemm min jistipula l-istandards internazzjonali kif ukoll l-organizzazzjoni li tirrappreżenta l-interessi tal-Ewropa jeħtieġ li jkunu indipendenti, ikollhom kapaċità u għarfien espert suffiċjenti biex jipproduċu standards ta' kwalità u input għal dawk l-istandards, u jkollhom bażi finanzjarja soda sabiex ikunu kapaċi jwettqu l-missjoni tagħhom ta' interess pubbliku fuq bażi fit-tul.

Għal dawn il-finijiet, fl-2009 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stabbilixxew Programm Komunitarju biex isostni attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar[2]. Dak il-Programm se jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jġedded dak il-Programm għall-qafas finanzjarju li jmiss (2014-2020) u jippermetti kontribuzzjonijiet diretti għall-iffinanzjar tal-benefiċjarji tal-Programm mill-baġit tal-Unjoni f'dak il-perjodu.

Il-benefiċjarji oriġinali tal-Programm kienu l-Kumitati tas-Superviżuri[3], il-Fondazzjoni tal-Kumitat tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilita' (IASCF), il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) u l-Bord tas-Sorveljanza tal-Interess Pubbliku (PIOB). Id-Deċiżjoni pprevediet ukoll il-possibbiltà li jiġu inklużi benefiċjarji ġodda jew li jinbidel benefiċjarju antik.

Fl-2010 ġew stabbiliti l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u fost l-oħrajn ħadu r-responsabbiltajiet tal-Kumitati tas-Superviżuri preċedenti. Għalhekk dan ir-Regolament għandu l-għan li jestendi l-kofinanzjament tal-Unjoni għall-bqija tal-benefiċjarji, jiġifieri l-Fondazzjoni tal-IFRS (is-suċċessur ġuridiku tal-IASCF), l-EFRAG u l-PIOB.

---

1 Il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju

2 Deċiżjoni Nru 716/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li tistabbilixxi programm Komunitarju għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika ĠU L 253, 25.9.2009, p. 8.

3 KRET, KSBE, CEIOPS

### 1.1. Rappurtar finanzjarju: il-Fondazzjoni tal-IFRS

Il-kriżi fis-swieq finanzjarji li żviluppat mill-2007 enfasizzat l-importanza tat-trasparenza u konsegwentement il-kwistjoni tal-istandards tal-kontabbiltà telgħet 'il fuq fl-aġenda politika. Deher ċar li ambjent favorevoli għan-negozju u kundizzjonijiet ugwali fil-livell globali għandhom ikunu kkumbinati ma' trasparenza u komparabbiltà li jwasslu għal suq kapitali globali li jaħdem tajjeb. Mexxejja minn madwar id-dinja ndunaw bl-importanza ewlenija ta' sett wieħed ta' standards globali ta' kwalità għolja għall-kontabbiltà[4].

L-Unjoni Ewropea ħadet rwol ta' tmexxija meta ddeċidiet li tadotta standards internazzjonali tal-kontabbiltà (l-IFRS u l-IFRIC) fil-liġi tal-Unjoni. Skont ir-Regolament 1606/2002 (ir-"Regolament tal-IAS"), il-kumpaniji elenkati fl-UE għandhom ifasslu r-rapporti finanzjarji konsolidati tagħhom billi jużaw l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati fl-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu jew jippermettu l-użu tagħhom fil-kontijiet annwali u/jew għal kumpaniji mhux elenkati.

Ir-rapporti finanzjarji ta' kumpaniji Ewropej li jużaw l-IFRS adottati fl-Unjoni huma aċċettati mingħajr rappurtar mill-ġdid b'diversi swieq kapitali madwar id-dinja – inklużi l-Istati Uniti, l-Awstralja u l-Ġappun. B'aktar u aktar pajjiżi li qed jadottaw jew li qed jikkonverġu lejn l-IFRS, jeżisti progress konsistenti lejn il-mira ta' sett wieħed ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà aċċettat globalment.

L-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà (l-IFRS u l-IFRIC) jiġu żviluppati mill-IASB u mill-Kumitat tal-Interpretazzjoni tal-IFRS. Il-Fondazzjoni tal-IFRS hija korp li tiġbor taħtha dawk l-organizzazzjonijiet u tieħu ħsieb il-funzjonament bla xkiel u l-finanzjament xieraq tagħhom. Il-korp li jiżviluppa standards tal-kontabbiltà ta' kwalità għolja jrid ikun indipendenti u jeħtieġ kapaċità suffiċjenti biex jirrekluta nies tal-ogħla kwalità. Għal dan il-għan, teħtieġ bażi ta' finanzjament solida, newtrali, affidabbli u kalkolabbli fuq perjodu ta' żmien twil.

Minbarra l-finanzjament, il-governanza tal-Fondazzjoni tal-IFRS trid ukoll isostni l-funzjonament indipendenti, kredibbli u xieraq ta' dik l-organizzazzjoni. Il-governanza tal-Fondazzjoni tjiebet fl-aħħar snin, l-aktar minħabba l-ħolqien tal-Bord tal-Monitoraġġ. Dak il-korp ġie stabbilit biex jippermetti r-responsabbilizzazzjoni u r-rappreżentazzjoni xierqa tal-interess pubbliku fl-organizzazzjoni. L-effettività tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Istandards ssaħħet u ġie stabbilit il-Kumitat tas-Sorveljanza tal-Proċess Dovut. Se tkun meħtieġa aktar ħidma biex jiġi żgurat li l-Fondazzjoni tal-IFRS issaħħaħ l-istatus tagħha ta' entità li tistipula standards ta' kwalità għolja li hija rappreżentattiva tan-natura globali tas-swieq kapitali.

Għal dak il-għan, bid-Deċiżjoni 716/2009, l-Unjoni Ewropea wriet li hija lesta tipprovdi lill-Fondazzjoni tal-IFRS (IASCF) is-sostenn finanzjarju meħtieġ fl-għamla ta' skema stabbli ta' kofinanzjament. L-Unjoni, flimkien ma' ċerti Stati Membri individwali bdiet tikkontribwixxi għall-baġit tal-Fondazzjoni tal-IFRS proporzjonalment mal-piż tagħha fis-swieq kapitali globali. Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-baġit tal-Fondazzjoni tal-IFRS fis-sena fiskali 2011 kienet ta' EUR 4 229 165.14 (17 % tal-ispejjeż eliġibbli kollha tal-Fondazzjoni għal dik is-sena).

Skont ir-rapport finali tal-Bord tal-Monitoraġġ dwar l-Analiżi tal-Governanza tal-Fondazzjoni tal-IFRS[5] ippubblikat fid-9 ta' Frar 2012, is-sħubija fil-Bord tal-monitoraġġ se tkun marbuta

---

4 Talbiet ripetuti sa mid-dikjarazzjoni ta' Londra tal-2009; l-aħħar darba f'Los Cabos, fl-2012

5 http://www.iosco.org/monitoring_board/pdf/Final%20Report%20on%20the%20Review%20of%20the%20IFRS%20Foundation's%20Governance.pdf

ma' kontribuzzjoni finanzjarja għall-baġit tal-Fondazzjoni tal-IFRS. Għalhekk huwa essenzjali li l-UE tkompli tikkontribwixxi għall-baġit tal-Fondazzjoni tal-IFRS skont il-piż ekonomiku globali tagħha jekk l-Ewropa trid iżżomm il-pożizzjoni attwali tagħha fl-arena internazzjonali tar-rappurtar finanzjarju.

### 1.2. Rappurtar finanzjarju: il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG)

L-EFRAG twaqqaf fl-2001 bħala organizzazzjoni privata biex tipprovdi lill-Kummissjoni Ewropea l-għarfien espert tekniku f'materji ta' rappurtar finanzjarju. Fil-bidu, l-EFRAG l-aktar li pprovdiet kienu pariri lill-Kummissjoni dwar jekk standard internazzjonali tal-kontabbiltà li kien se jiġi adottat fl-Unjoni kienx jissodisfa l-kriterji tekniċi tal-approvazzjoni[6]. Gradwalment l-EFRAG ħa rwol ta' influwenza proattiva fuq l-IASB fil-ħidma tiegħu tal-istipular tal-istandards. Dan jipprovdi input billi joħroġ ittri ta' kumment dwar abbozzi ta' standards u jikkontribwixxi fi stadju bikri billi jippubblika dokumenti ta' diskussjoni dwar kwistjonijiet attwali tal-kontabbiltà. L-ittri ta' kumment tal-EFRAG jinqraw u jiġu kkwotati madwar id-dinja kollha.

Fil-bidu, ir-rappreżentazzjoni u d-drittijiet tal-vot fil-korpi tal-governanza tal-EFRAG (bħall-Assemblea Ġenerali u l-Bord Superviżorju) kienu marbuta mal-kontribuzzjoni finanzjarja għall-baġit tal-EFRAG. Il-korp inkarigat mill-ħidma teknika ewlenija, it-TEG (Technical Expert Group), dejjem kien indipendenti.

Fl-2008, il-governanza tal-EFRAG ġiet riformata bis-sħiħ sabiex tirrifletti r-rwol akbar tagħha ta' politika pubblika – u saret pjattaforma fejn tiġi ffurmata l-vuċi unika tal-Ewropa dwar il-kontabbiltà. L-għan kien li tiġi żgurata iktar sorveljanza u responsabbilizzazzjoni pubblika.

Ġew introdotti żewġ bidliet ewlenin:

- It-twaqqif tal-Kumitat tal-Ippjanar u tar-Riżorsi (Planning and Resource Committee - PRC) fejn hija kkonċentrata l-ħidma proattiva fi stadju bikri – bil-parteċipazzjoni ta' dawk li jistipulaw l-istandards nazzjonali; u

- It-tisħiħ tar-rwol tal-Bord Superviżorju: il-membri tiegħu ma għadhomx rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw iżda jinħatru skont il-kapaċità personali tagħhom. Il-membri jirrappreżentaw diversi partijiet interessati – il-preparaturi (inklużi l-SMEs), l-utenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji; jew għandhom sfond ta' politika pubblika – u kollha huma mistennija jaġixxu fl-interess pubbliku. Mis-17-il membru tal-Bord Superviżorju, erba' huma l-hekk imsejħa membri tal-politika pubblika: għandhom esperjanza partikolari fit-tfassil tal-politika pubblika u jiġu nnominati mill-Kummissjoni.

It-TEG baqa' responsabbli għall-ħidma teknika ewlenija tal-EFRAG. Kwalunkwe pożizzjoni tal-EFRAG dwar l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà trid tiġi diskussa u approvata mit-TEG, li jaġixxi bħala kumitat espert tekniku indipendenti. Il-President tal-EFRAG jippresedi l-laqgħat tat-TEG u l-EFRAG għandu s-segretarjat tiegħu stess (li jikkonsisti minn professjonisti tal-kontabbiltà). Il-biċċa l-kbira tal-ħidma tat-TEG tikkonsisti f'pariri dwar l-approvazzjoni lill-Kummissjoni u ittri ta' kumment lill-IASB.

[6] L-EFRAG fil-fatt huwa l-korp imsemmi fil-premessa (10) tar-Regolament tal-IAS

Il-maġġoranza tal-laqgħat tal-EFRAG huma miftuħa għall-pubbliku u s-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jattendu bħala osservaturi għal-laqgħat kollha tal-EFRAG.

Ir-riforma mmirata tal-governanza fl-2008 ippermettiet lill-EFRAG tespandi l-attivitajiet proattivi tagħha b'kooperazzjoni ma' Dawk li Jistipluaw l-Istandards Nazzjonali fl-Ewropa. Permezz ta' aktar riformi fil-governanza li ser jitwettqu fix-xhur li ġejjin, l-EFRAG se jkompli jiżviluppa mezzi biex jiżgura li jsir il-pjattaforma ewlenija fejn tiġi fformolata "vuċi unika għall-kontabbiltà tal-UE" u biex iwassal il-kontribut tal-Unjoni lill-IASB. Għal dak il-għan, l-EFRAG se jwettaq analiżi komprensiva tal-istruttura tal-governanza tiegħu filwaqt li jqis l-aktar żviluppi reċenti fl-arena tar-rappurtar finanzjarju internazzjonali.

B'aktar u aktar pajjiżi jadottaw l-IFRS, l-UE jeħtiġilha tieħu passi biex timpedixxi li gradwalment titlef l-influwenza u s-saħħa tagħha fuq l-IASB. Huwa għalhekk ta' importanza vitali li l-interessi Ewropej jiġu rappreżentati tajjeb fil-livell internazzjonali. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li l-Ewropa "titkellem b'vuċi waħda" li hija kredibbli u teknikament soda.

L-EFRAG jeħtieġ finanzjament solidu, fuq perjodu twil ta' żmien u varjat biex ikun kredibbli u indipendenti u jkun kapaċi jipproduċi dokumenti tal-ogħla kwalità billi jimpjega esperti tal-ogħla kwalità. Ukoll, il-fehma pan-Ewropea tiġi rappreżentata biss jekk flimkien mal-Istati Membri l-kbar, il-Kummissjoni tikkofinanzja l-EFRAG għan-nom tal-Istati Membri iżgħar.

Il-Programm ta' finanzjament għall-2010-2013 kien ġie stabbilit bil-ħsieb li jkun stabbilit finanzjament affidabbli fit-tul. Abbażi tad-Deċiżjoni ta' finanzjament mill-UE tas-16 ta' Settembru 2009, il-kontribuzzjoni tal-UE għall-EFRAG fis-sena fiskali 2011 kienet ta' EUR 2 288 160 (43% tal-ispejjeż eliġibbli totali tal-EFRAG).

L-għanijiet ta' dak il-programm huma miri fuq perijodu ta' żmien fit-tul; għalhekk huwa diffiċli biex tasal għal konklużjonijiet wara biss sentejn sħaħ ta' finanzjament. Abbażi tal-esperjenzi tal-finanzjament s'issa, il-Programm laħaq il-miri prinċipali tiegħu. Fost l-oħrajn, ippermetta lill-EFRAG jespandi l-attivitajiet tiegħu u jwettaq ħidma proattiva, imur għand il-partijiet interessati u jiġbor il-fehmiet tagħhom waqt avvenimenti ta' ilħiq u jżid l-indipendenza tiegħu billi jħallas is-salarju tal-president tiegħu. Għal aktar dettalji dwar l-esperjenzi sa issa, jekk jogħġbok irreferi għall-evalwazzjoni ex ante tas-servizzi tal-Kummissjoni annessa ma' din il-proposta.

## 1.3. Awditjar: il-Bord tas-Sorveljanza tal-Interess Pubbliku (PIOB)

**Il-Bord tas-Sorveljanza tal-Interess Pubbliku (PIOB)** huwa Fondazzjoni Spanjola bla skop ta' qligħ stabbilita f'Madrid. Is-sħab ewlenin tal-PIOB huma l-Grupp ta' Monitoraġġ (Monitoring Group - MG), li huwa l-korp li jirrappreżenta lir-regolaturi u l-istituzzjonijiet internazzjonali[7], u l-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC), li huwa korp privat li jirrappreżenta lill-kontabilisti u l-awdituri madwar id-dinja kollha[8]. Il-PIOB jikkonsisti

7 Il-membri tal-MG huma: il-Kummissjoni Ewropea, l-IOSCO (l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli), il-KBSB (il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja), l-IAIS (l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni), l-FSB (il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja) u l-IFIAR (il-Forum Internazzjonali tar-Regolaturi Indipendenti tal-Awditjar) u l-Bank Dinji.

8 Il-PIOB jissorvelja lill-IFAC mil-lat ta' interess pubbliku. B'deduzzjoni, it-tliet kumitati indipendenti li ġejjin tal-IFAC ukoll jistgħu jitqiesu sħab tal-PIOB: l-IAASB (il-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Aċċertament), l-IESBA (il-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Etika għall-Kontabbilisti) u l-IAESB (il-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Edukazzjoni tal-Kontabbiltà).

f'għaxar membri inkluż il-President tiegħu. Tnejn mill-membri huma nnominati mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-membri tal-PIOB huma persuni nnominati mill-Grupp ta' Monitoraġġ għal perjodu ta' tliet snin skont il-Memorandum ta' Ftehim. Il-kostitwenza tal-PIOB tinkludi varjetà ta' partijiet interessati: il-leġiżlaturi (eż. il-Parlament Ewropew, il-leġiżlaturi nazzjonali), ir-regolaturi u s-superviżuri tas-swieq finanzjarji inklużi l-korpi tas-sorveljanza tal-awditur, dawk li jistipulaw l-istandards nazzjonali tal-kontabbiltà u l-awditjar, l-awdituri u l-professjoni tal-awditjar inġenerali, il-preparaturi tar-rapporti finanzjarji (il-kumpaniji), l-utenti tar-rapporti finanzjarji (eż. l-investituri, l-analisti, ir-riċerkaturi, il-fornituri), l-akkademiċi.

Ir-rwol tal-PIOB huwa li jiggarantixxi li l-proċess dovut, is-sorveljanza u t-trasparenza jiġu rispettati fil-proposta, l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' standard internazzjonali għall-awdituri fil-qafas tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC). Il-Fondazzjoni hija regolata minn Bord tal-Amministraturi li fih kull membru tal-PIOB huwa amministratur.

Abbażi tad-Deċiżjoni ta' finanzjament mill-UE tas-16 ta' Settembru 2009, il-kontribuzzjoni tal-UE għall-PIOB fis-sena fiskali 2010 kienet ta' EUR 286 231. Dan l-ammont jirrappreżenta 22 % tal-ispejjeż totali eliġibbli tal-PIOB (EUR 1 301 050). Min-naħa l-oħra, il-kontribuzzjoni tal-UE lill-PIOB fis-sena fiskali 2011 kienet ta' EUR 288 991.78 li wkoll tirrappreżenta 22 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-PIOB għal dik is-sena (EUR 1 313 599).

L-esperjenza tal-kofinanzjament tal-PIOB sa issa kienet pożittiva. Il-Kummissjoni Ewropea kellha l-opportunità żżur il-bini tal-PIOB darbtejn (f'Marzu 2010 u f'April 2011) u tivverifika l-kontrolli finanzjarji tiegħu. Il-Kummissjoni Ewropea ħarġet ukoll lill-persunal tiegħu dwar il-proċeduri baġitarji tal-UE. Minn perspettiva prattika l-attivitajiet involuti fl-immaniġġjar tal-għotja operattiva għas-snin fiskali 2010 u 2011 kienu esperjenza ta' tagħlim utli ħafna għaż-żewġ naħat. Dan witta t-triq għal immaniġġjar aktar effiċjenti tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji futuri.

Il-kofinanzjament tal-UE tal-PIOB sar eżempju għal kontributuri potenzali oħra. Bħalissa l-IFAC (madwar 78 %) u l-UE (madwar 22 %) biss jikkofinanzjaw lill-PIOB. L-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex tiddiversifika l-finanzjament tal-PIOB u ssaħħaħ l-indipendenza tiegħu vis-à-vis il-professjoni tal-awditjar huma kontinwi. Diversi istituzzjonijiet internazzjonali huma mistennija jipprovdu fondi lill-PIOB sa mis-sena fiskali 2013. Barra minn hekk, il-Grupp ta' Monitoraġġ, il-PIOB u l-IFAC ħolqu Task Force biex tagħżel u tikkonvinċi grupp ta' donaturi minn madwar id-dinja kollha biex jipprovdu finanzjament lill-PIOB fuq bażi stabbli u fit-tul.

Jekk l-UE tnaqqas l-impenn finanzjarju tagħha mil-livell attwali (li jirrappreżenta 22 % tal-baġit totali) tkun qed tagħti messaġġ żbaljat fi żmien meta l-PIOB qed jipprova jiddiversifika l-istruttura tal-finanzjament tiegħu. Iżda dan huwa wkoll estremament importanti fid-dawl tar-riformi attwali tagħna tas-suq tal-awditjar, li qed jimmiraw li jżidu l-indipendenza tad-ditti, ta' dawk li jistipulaw l-istandards internazzjonali tal-awditjar (ISAs) kif ukoll tas-superviżuri tal-awditjar.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Fl-evalwazzjoni ex ante tagħha li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għall-istabbiliment tal-Programm 2010-2013[9], il-Kummissjoni vvalutat l-alternattivi ta' finanzjament possibbli. L-għanijiet tal-programm kienu li jiġi żgurat finanzjament stabbli, diversifikat, sod u adegwat li jippermetti lill-korpi kkonċernati jwettqu l-missjoni tagħhom b'mod indipendenti u effiċjenti. L-evalwazzjoni stabbilixxiet b'mod ċar li l-kofinanzjament tal-Unjoni huwa l-aktar alternattiva effiċjenti u xierqa biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

Fl-evalwazzjoni ex ante li takkumpanja din il-proposta, il-Kummissjoni sabet li l-Programm sa issa laħaq l-aspettattivi u l-għanijiet stabbiliti u li l-finanzjament għandu jitkompla. Barra minn hekk, il-Programm ta' finanzjament ġie stabbilit bil-għan li jintlaħqu għanijiet fuq perjodu twil ta' żmien. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi propost li jitkompla fil-qafas finanzjarju li jmiss għall-2014-2020.

## 3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

### 3.1. Bażi legali

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 114.

F'konformità mal-politika leġiżlattiva tal-Kummissjoni li ġiet adottata fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, il-programm ta' finanzjament attwali qiegħed jiġi propost bħala Regolament.

### 3.2. Prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-programm tal-Unjoni jipprevedi l-possibbiltà ta' kofinanzjament tal-attivitajiet ta' ċerti korpi li jsegwu għan li jifforma parti minn politika tal-Unjoni fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar u li jsostniha. Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà minħabba li, skont l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-għanijiet tagħha ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni.

### 3.3. Prinċipju ta' proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Kif ivvalutat fl-evalwazzjoni ex ante, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu. Il-finanzjament mill-Unjoni qed jiġi propost għal għadd definit sew u limitat tal-aktar korpi importanti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Fil-qafas istituzzjonali attwali, l-arranġamenti l-ġodda ta' finanzjament se jiżguraw finanzjament stabbli, diversifikat u adegwat sabiex ikun possibbli li l-korpi rilevanti jwettqu l-missjoni tagħhom b'rabta mal-Unjoni jew fl-interess pubbliku tal-Unjoni b'mod indipendenti u effiċjenti. L-appoġġ finanzjarju se jingħata skont il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE, Euratom) Nru.../.. ta' 29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom)

[9] COM(2009) 14 finali.

Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-ammont totali li ser jinħareġ mill-baġit tal-Unjoni huwa ta' EUR 58.01 miljun fi prezzijiet attwali għall-perjodu 2014-2020. Il-Programm huwa programm ta' seba' snin allinjat mat-tul taż-żmien tal-perspettivi finanzjarji 2014 – 2020.

2012/0364 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni għas-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rappurtar u l-awditjar finanzjarju għall-perjodu 2014-2020**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[10],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] li tistabbilixxi programm Komunitarju għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika. Abbażi ta' dik id-Deċiżjoni, il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG), il-Fondazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (il-Fondazzjoni tal-IFRS; is-suċċessur ġuridiku tal-Fondazzjoni tal-Kumitat tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilita, IASCF) u l-Bord tas-Sorveljanza tal-Interess Pubbliku (PIOB) jibbenefikaw minn kofinanzjament min-naħa tal-Unjoni fil-forma ta' għotjiet operattivi sal-31 ta' Diċembru 2013.

(2) Il-kriżi fis-swieq finanzjarji li żviluppat sa mill-2008 ressqet il-kwistjoni tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar fiċ-ċentru tal-aġenda politika tal-Unjoni. Qafas ta' rappurtar finanzjarju komuni li jaħdem sew huwa essenzjali għas-suq intern, għat-tħaddim effettiv tas-swieq tal-kapital u għall-ħolqien ta' suq integrat għas-servizzi finanzjarji fl-UE.

(3) F'ekonomija globali, hemm il-ħtieġa ta' lingwa globali tal-kontabbiltà. L-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) żviluppati mill-Bord dwar l-

[10] ĠU C , , p. .

[11] ĠU L 253, 25.9.2009, p. 8.

Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IASB) huma adottati u użati f'bosta ġuriżdizzjonijiet madwar id-dinja. Tali standards internazzjonali tal-kontabbiltà jeħtieġ li jiġu żviluppati fi proċess responsabbilizzat, trasparenti u demokratiku. Biex jiġi żgurat li l-interessi tal-Unjoni jiġu rispettati u li l-istandards globali jkunu ta' kwalità għolja u kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni, huwa essenzjali li l-interessi tal-Unjoni jitqiesu adegwatement f'dak il-proċess tal-istipular tal-istandards internazzjonali.

(4) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità[12], l-IFRS għandhom jiġu inkorporati fil-liġi tal-Unjoni biex jiġu applikati mill-kumpaniji b'titoli elenkati f'suq regolat fl-Unjoni, sakemm l-IFRS jissodisfaw il-kriterji stipulati f'dak ir-Regolament. L-IFRS għalhekk għandhom rwol ewlieni fil-funzjonament tas-suq intern u għalhekk l-Unjoni għandha interess dirett li tiżgura li l-proċess li permezz tiegħu l-IFRS jiġu żviluppati u approvati, jirriżulta fi standards li jkunu konsistenti mar-rekwiżiti tal-qafas legali tas-suq intern.

(5) L-IFRS jinħarġu mill-IASB u l-interpretazzjonijiet relatati jinħarġu mill-Kumitat tal-Interpretazzjonijiet tal-IFRS, żewġ korpi fil-Fondazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju. Għalhekk huwa importanti li jiġu stabbiliti arranġamenti ta' finanzjament xierqa għall-Fondazzjoni tal-IFRS.

(6) Il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) twaqqaf fl-2001 minn organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw lill-emittenti, l-investituri u l-professjoni tal-kontabbiltà involuti fil-proċess ta' rappurtar finanzjarju. Skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, l-EFRAG tipprovdi lill-Kummissjoni b'opinjonijiet dwar jekk standard tal-kontabbiltà maħruġ mill-IASB jew interpretazzjoni maħruġa mill-Kumitat tal-Interpretazzjonijiet tal-IFRS, li għandhom jiġu approvati, jikkonformawx mal-kriterji tal-approvazzjoni stipulati f'dak ir-Regolament. L-EFRAG qiegħed ukoll jieħu r-rwol tal-'vuċi unika tal-Ewropa dwar il-kontabbiltà' fl-arena globali. F'dik il-kapaċità, l-EFRAG jipprovdi input għall-proċess tal-IASB tal-istipular tal-istandards.

(7) B'kunsiderazzjoni tar-rwol ewleni tal-EFRAG li jsostni l-liġi u l-politika tas-suq intern u li jirrappreżenta l-interessi Ewropej fil-proċess tal-istipular tal-istandards fil-livell internazzjonali, jinħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament stabbli għall-EFRAG u għalhekk tikkontribwixxi għall-finanzjament tiegħu.

(8) Fil-qasam tal-awditjar statutorju, il-Bord tas-Sorveljanza tal-Interess Pubbliku (PIOB) inħoloq fl-2005 mill-Grupp ta' Monitoraġġ, organizzazzjoni internazzjonali responsabbli mill-monitoraġġ tar-riforma tal-governanza tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC). L-irwol tal-PIOB huwa li jissorvelja l-proċess li jwassal għall-adozzjoni tal-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (International Standards on Auditing - ISA) u attivitajiet oħra ta' interess pubbliku tal-IFAC. Huwa possibbli li ISAs jiġu adottati għall-applikazzjoni tagħhom fl-Unjoni sakemm, b'mod partikulari, jkunu ġew żviluppati bi proċess, sorveljanza pubblika u trasparenza dovuti kif meħtieġ mill-Artikolu 26 tad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-

[12] ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

kontijiet konsolidati[13]. Il-proposti ġodda tal-awditjar tat-30 ta' Novembru 2011 jipprevedu wkoll l-introduzzjoni tal-ISAs fl-UE[14].

(9) L-introduzzjoni tal-ISAs fl-Unjoni u l-irwol ewlieni tal-PIOB biex jiżguraw li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2006/43/KE jfissru li l-Unjoni għandha interess dirett biex tiżgura li l-proċess li bih dawn l-istandards jiġu żviluppati u approvati jwassal għal standards li jkunu konsistenti mal-qafas ġuridiku tas-suq intern. It-test emendat tal-Artikolu 26(3) kif indikat fl-Artikolu 1 tal-proposta għal Direttiva[15] ukoll jagħraf b'mod espliċitu r-rwol tal-PIOB. Għalhekk huwa importanti li jiġu żgurati arranġamenti ta' finanzjament xierqa għall-PIOB.

(10) Il-korpi li jaħdmu fil-qasam tal-kontabbiltà u tal-awtidjar jiddependu ħafna fuq il-finanzjament u għandhom rwoli importanti fl-Unjoni, rwoli li huma deċiżivi għall-funzjonament tas-suq intern. Il-benefiċjarji proposti tal-Programm stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE kienu ġew kofinanzjati b'għotjiet operattivi mill-baġit tal-Unjoni, li ppermettewlhom iżidu l-indipendenza tagħhom mis-settur privat u l-finanzjament ad hoc, u b'hekk iżidu l-kapaċità u l-kredibbiltà tagħhom.

(11) L-esperjenza wriet li l-kofinanzjament tal-Unjoni jiżgura li dawn il-benefiċjari jibbenefikaw minn finanzjament ċar, stabbli, diversifikat, sod u adegwat u dan jikkontribwixxi biex il-benefiċjarji jkunu jistgħu jwettqu l-missjoni tagħhom ta' interess pubbliku b'mod indipendenti u effiċjenti. Għalhekk, għandu jkompli jingħata finanzjament suffiċjenti permezz ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni lejn il-funzjonament tal-istipular ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà u l-awditjar, u b'mod partikolari lill-Fondazzjoni tal-IFRS, l-EFRAG u l-PIOB.

(12) Barra mit-tibdil tax-xejriet tal-finanzjament tagħhom, il-Fondazzjoni tal-IFRS u l-EFRAG għaddew minn riformi ta' governanza biex jiġi żgurat li bl-istrutturi u l-proċessi tagħhom jaqdu l-missjoni tagħhom ta' interess pubbliku b'mod indipendenti, effiċjenti, trasparenti u demokratikament responsabbli. Fir-rigward tal-Fondazzjoni tal-IFRS, il-Bord tal-Monitoraġġ inħoloq fl-2009 biex jiżgura r-responsabbiltà u s-sorveljanza pubblika, issaħħet l-effikaċja tal-Kunsill Konsultattiv dwar l-Istandards, ittejbet it-trasparenza u l-irwol tal-valutazzjonijiet tal-impatt ġie fformalizzat bħala parti mill-proċess dovut tal-IASB.

(13) Għall-perjodu sħiħ tal-programm, għandu jiġi stabbilit pakkett finanzjarju li jikkostitwixxi r-referenza primarja, kif mifhum fil-punt [17] tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' XX/YY/201Z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar immaniġġjar finanzjarju sod, għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali.

(14) Ir-Regolament (EU, Euratom) Nru 966/2012 tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE, Euratom) Nru.../... tad-29.10.2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni

---

13 ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87.

14 It-test emendat tal-Artikolu 26 kif indikat fl-Artikolu 1 tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, COM (2011) 778 final u l-Artikolu 20 tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta 'entitajiet ta' interess pubbliku, COM (2011) 779 final

15 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, COM(2011) 778 final

tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[16], li jissalvagwardjaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, għandhom jiġu applikati, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tas-sempliċità u l-konsistenza fl-għażla tal-istrumenti tal-baġit, limitazzjoni fuq l-għadd ta' każijiet fejn il-Kummissjoni żżomm responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni u l-immaniġġjar, u l-proporzjonalità meħtieġa bejn il-livell tar-riżorsi u l-piż amministrattiv marbut mal-użu tagħhom.

(15) Il-programm ta' kofinanzjament li se jiġi stabbilit b'dan ir-Regolament huwa mistenni jikkontribwixxi għall-għanijiet li jiġu żgurati l-komparabbiltà u t-trasparenza tal-kontijiet tal-kumpaniji madwar l-UE, għall-armonizzazzjoni globali tal-istandards tar-rappurtar finanzjarju billi jippromwovi l-aċċettazzjoni internazzjonali tal-IFRS, kif ukoll li jippromwovi l-konverġenza u standards internazzjonali ta' kwalità għolja għall-awditjar fl-Istati Membri kollha. Dan il-programm jikkontribwixxi wkoll għall-istrateġija Ewropa 2020 billi jsaħħaħ is-suq uniku tas-servizzi finanzjarji u tal-kapital, u jikkontribwixxi wkoll għad-dimensjoni esterna tal-istrateġija.

(16) Dan ir-Regolament għandu jipprovdi għall-possibbiltà ta’ kofinanzjament tal-attivitajiet ta’ ċerti korpi li jsegwu oġġettiv li jifforma parti minn politika tal-Unjoni, u jsostniha, fil-qasam tat-tfassil tal-istandards, l-adottar ta' standards jew is-superviżjoni tal-proċessi tal-istipular tal-istandards relatati mar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar.

(17) Il-finanzjament mill-Unjoni qed jiġi propost għal għadd iddefinit sew u limitat tal-aktar korpi importanti fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u tal-awditjar. Fil-qafas istituzzjonali attwali, l-arranġamenti ta' finanzjament għandhom jiżguraw finanzjament stabbli, diversifikat, sod u adegwat sabiex ikun possibbli li l-korpi rilevanti jwettqu l-missjoni tagħhom b’rabta mal-Unjoni jew fl-interess pubbliku b’mod indipendenti u effiċjenti.

(18) L-appoġġ finanzjarju għandu jingħata skont il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE, Euratom) Nru.../.. ta' 29 10 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-programm ta' kofinanzjament stabbilit minn dan ir-Regolament jissostitwixxi l-programm preċedenti ta' kofinanzjament tal-benefiċjarji. Għalhekk, għal raġunijiet ta' ċertezza ġuridika, id-Deċiżjoni 716/2009/KE għandha tiġi revokata.

(19) Sabiex jiġu promossi l-interessi tal-Unjoni fl-oqsma tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar u biex tadatta b’mod flessibbli għall-bidliet eventwali fil-governanza u dawk istituzzjonali f'dawk l-oqsma, għandha tiġi ddelegata s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea lill-Kummissjoni fir-rigward tal-għażla ta' benefiċjarji ġodda għall-Programm. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta’ tħejjija tagħha, anke fil-livell ta’ esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

---

16 [...]

(20) Billi l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala tiegħu, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*
*Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*

1. Programm tal-Unjoni (il-"Programm") huwa hawnhekk stabbilit għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 biex isostni l-attivitajiet ta' korpi li jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet tal-politika tal-Unjoni b'rabta mar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar.

2. Il-programm ikopri l-attivitajiet ta' iżvilupp jew ta' input mogħti għall-iżvilupp ta' standards, l-applikazzjoni, il-valutazzjoni jew il-monitoraġġ tal-istandards jew is-sorveljanza tal-istipular tal-istandards b'sostenn għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar.

*Artikolu 2*
*Għanijiet*

1. L-għan tal-programm huwa li jittejbu l-kundizzjonijiet għat-tħaddim tas-suq intern billi jappoġġja l-iżvilupp trasparenti u indipendenti ta' standards internazzjonali tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar.

2. Dan l-għan se jkun imkejjel b'mod partikolari bl-għadd ta' pajjiżi li jużaw l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) u l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISA).

*Artikolu 3*
*Benefiċjarji tal-Programm*

1. Il-benefiċjarji li ġejjin jibbenefikaw mill-Programm:

(a) benefiċjarji fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju:

– il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG);

– il-Fondazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (il-Fondazzjoni tal-IFRS);

(b) benefiċjarju fil-qasam tal-awditjar: il-Bord tas-Sorveljanza tal-Interess Pubbliku (PIOB).

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9 biex tagħżel benefiċjarji ġodda għall-Programm u biex temenda l-paragrafu 1 kif xieraq.

3. Kwalunkwe benefiċjarju ġdid għandu jkun persuna ġuridika bla skop ta' qligħ li jsegwi għan li jagħmel parti minn u jappoġġja politika tal-Unjoni fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar u għandu jkun suċċessur dirett ta' wieħed mill-benefiċjarji elenkati fil-paragrafu 1.

*Artikolu 4*
*Għoti ta' għotjiet*

Il-finanzjament skont il-Programm għandu jiġi pprovdut fil-forma ta' għotjiet operazzjonali.

*Artikolu 5*
*Transparenza*

Kull benefiċjarju ta' finanzjament mogħti skont il-Programm għandu jindika f'post prominenti, bħal websajt, pubblikazzjoni jew rapport annwali, li jkun irċieva finanzjament mill-baġit tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 6*
*Dispożizzjonijiet finanzjarji*

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu 2014-2020 huwa ta' EUR 58 010 000 fi prezzijiet attwali.

*Artikolu 7*
*Implimentazzjoni tal-Programm*

1. Il-Kummissjoni timplimenta l-programm skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

2. Sabiex timplimenta l-programm il-Kummissjoni tadotta programmi ta' ħidma annwali. Dawn il-programmi jistipulaw l-għanijiet li jridu jintlaħqu, ir-riżultati mistennija u l-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li se jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni u skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni. Fir-rigward tal-għotjiet, dawn jinkludu l-prijoritajiet, il-kriterji essenzjali ta' evalwazzjoni u r-rata massima ta' kofinanzjament.

*Artikolu 8*
*Protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni Ewropea*

1. Il-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha xierqa illi jiżguraw li, meta jiġu implimentati attivitajiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-

korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' verifiki effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa fejn mhux dovuti u, fejn xieraq, permezz ta' penali effettivi, proporzjonati u deterrenti.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa li jwettqu awditu, abbażi ta' dokumenti u fuq il-post, fir-rigward tal-benefiċjarji ta' għotjiet, tal-kuntratturi u tas-subkuntratturi kollha li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni skont il-Programm.

L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn finanzjament bħal dan skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 bil-ħsieb li jkun stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività oħra illegali li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew ma' deċiżjoni ta' għotja jew ma' kuntratt li jikkonċerna finanzjament mill-Unjoni.

Mingħajr ħsara għall-ewwel u t-tieni sottoparagrafi, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali u l-ftehimiet ta' għotja u d-deċiżjonijiet ta' għotja u l-kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jagħtu espressament is-setgħa lill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF li jwettqu awditjar, verifiki u spezzjonijiet fuq il-post bħal dawn.

Artikolu 9
Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li jkunu adottati atti delegati qed tiġi kkonferita lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jkunu adottati atti delegati msemmija fl-Artikoli 3(2) hija kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu ta' 7 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Europew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Tidħol dis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma taffettwax il-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(2) jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 10*
*Evalwazzjoni*

1. Mhux aktar tard minn sitt xhur qabel tmiem il-Programm, il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rapport dwar il-kisba tal-għanijiet tal-Programm. Dak ir-rapport għandu jeżamina tal-anqas il-pertinenza u koerenza kumplessiva tal-Programm, l-effikaċja tal-eżekuzzjoni tiegħu u l-effikaċja kumplessiva u individwali tal-programm ta' ħidma tal-benefiċċjarji f'termini tal-kisbiet tal-għanijiet kif stipulati fl-Artikolu 2.

2. Dan ir-rapport jintbagħat wkoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għal fini ta' informazzjoni.

*Artikolu 11*
*Tħassir*

Id-Deċiżjoni 716/2009/KE titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 12*
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

#### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni għas-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rappurtar u l-awditjar finanzjarju għall-perjodu 2014-2020

#### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[17]

Qasam tal-politika: 12 Suq Intern

Attività: Servizzi finanzjarji u swieq kapitali

#### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta **ma' azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[18]

X Il-proposta/l-inizjattiva hija marbuta mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ridiretta lejn azzjoni ġdida**

#### 1.4. Għan(ijiet)

*1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

Promozzjoni tal-adozzjoni globali tal-IFRS

L-iżgurar tas-saħħa tal-UE biex tinfluwenza l-formazzjoni tal-IFRS

Kontribuzzjoni għall-indipendenza tas-sorveljanza pubblika tal-istipular tal-istandards tal-awditjar

*1.4.2. L-għan(ijiet) speċifiċi u l-attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernati*

Għan speċifiku: Li jittejbu l-kundizzjonijiet għat-tħaddim tas-suq intern billi jiġi appoġġjat l-iżvilupp trasparenti u indipendenti ta' standards internazzjonali tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar.

L-attività/ajiet tal-ABM/ABB ikkonċernata/i:

12.03 Servizzi finanzjarji u swieq kapitali

[17] ABM: Immaniġġjar Ibbażat fuq l-Attività (Activity-Based Management) – ABB: Baġit Ibbażat fuq l-Attività (Activity-Based Budgeting).

[18] Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.3. Riżultat(i) u l-impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

| |
|---|
| Tiżdied l-indipendenza finanzjarja tal-benefiċjarji (il-Fondazzjoni tal-IFRS, l-EFRAG, il-PIOB)<br><br>L-EFRAG jiġi mgħammar bir-riżorsi neċessarji biex iwettaq l-missjoni ta’ interess pubbliku Ewropew tiegħu |

*1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

| *Indikatur tar-riżultat* | *L-aħħar riżultat magħruf* | *Mira* |
|---|---|---|
| Għadd ta’ pajjiżi li jużaw l-IFRS | Fl-2012 madwar 120 pajjiż kienu qed jużaw l-IFRS. | Żieda sal-2020 |
| Perċentwali ta' standards adottati fl-UE meta mqabbel mal-għadd ta’ standards maħruġin mill-IASB sal-2020 | Fid-29 ta' Ottubru 2012, 89% tal-IFRSs kienu approvati fl-UE (124 standard minn 139). | 100% sal-2020 |
| Għadd ta’ pajjiżi tal-UE li jużaw l-ISAs | Sa tmiem l-2012, 20 Stat Membru kienu adottaw bis-sħiħ l-ISAs ikklerjati | Adozzjoni u implimentazzjoni ta’ ISAs ta' kwalità għolja fl-Istati Membri kollha sa mhux aktar tard mill-2020 |

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta’ żmien*

| |
|---|
| Trawwim tal-indipendenza (ukoll il-perċezzjoni tal-indipendenza) tal-benefiċjarji fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar biex ikunu jistgħu jwettqu l-missjoni tagħhom ta' interess pubbliku b'mod sodisfaċenti |

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

| |
|---|
| L-għan ewlieni tal-programm huwa li jiżgura l-komparabbiltà u t-trasparenza tal-kontijiet tal-kumpaniji fl-UE u fid-dinja kollha, u b’hekk jikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-swieq tal-kapital fil-livell tal-UE u fil-livell globali.<br><br>L-UE hija l-akbar ġuriżdizzjoni li tapplika l-IFRS (ir-Regolament 1606/2002). Huwa fl-interess tagħna li l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà (IFRS) isiru l-lingwaġġ globali tal-kontabbiltà u li niżguraw ir-rappreżentanza tal-UE fis-sorveljanza pubblika tal-Fondazzjoni tal-IFRS (fejn is-sħubija fil-korp tas-sorveljanza se tkun marbuta ma’ kontribuzzjoni għall-finanzjament).<br><br>L-input upstream sinifikanti, kredibbli u indipendenti tekniku Ewropew huwa essenzjali waqt l-iżvilupp ta' dawk l-istandards. L-EFRAG huwa responsabbli għal dawk l-attivitajiet. |

L-UE tista' tadotta Standards Internazzjonali għall-Awditjar (l-ISAs) ibbażati fuq id-Direttiva 2006/43. Għalhekk għandha interess dirett fl-iżgurar li dawk l-istandards ikunu ta' kwalità għolja u l-proċess dovut tal-adozzjoni tagħhom huw soġġett għal sorveljanza pubblika indipendenti mill-PIOB.

*1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Il-finanzjament attwali s'issa rnexxielu jilħaq l-aspettattivi

*1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti relevanti oħrajn*

Il-Kummissjoni Ewropea qed tipparteċipa b'mod attiv fir-riformi tal-governanza tal-benefiċjarji

## 1.6. Tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

X Proposta/inizjattiva b'**tul ta' żmien limitat**

– X Proposta / inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2020

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☐ Proposta/inizjattiva b'**tul ta' żmien bla limitu**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Il-metodu/i ta' mmaniġġjar previst(i)[19]

X **Immaniġġjar ċentralizzat dirett** mill-Kummissjoni

☐ **Immaniġġjar ċentralizzat indirett** bid-delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[20]

– ☐ korpi tas-settur pubbliku nazzjonali/korpi b'missjoni tas-servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Immaniġġjar kondiviż** mal-Istati Membri

☐ **Immaniġġjar deċentralizzat** ma' pajjiżi terzi

[19] Id-dettalji tal-metodi tal-immaniġġjar u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[20] Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

☐ **Immaniġġjar konġunt** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ***(iridu jiġu speċifikati)***

*Jekk hemm indikat aktar minn metodu wieħed ta' mmaniġġjar, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

## 2. MIŻURI TAL-IMMANIĠĠJAR

### 2.1. Regoli tal-monitoraġġ u r-rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

| |
|---|
| Fil-każ tal-Fondazzjoni tal-IFRS: rapporti interim u finali<br><br>Fil-każ tal-EFRAG: rapporti finali u l-parteċipazzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni fil-kumitati kollha tal-EFRAG<br><br>Fil-każ tal-PIOB: rapporti finali u reazzjonijiet regolari lill-Grupp ta' Monitoraġġ |

### 2.2. Sistema ta' mmaniġġjar u kontroll

#### *2.2.1. Riskju jew riskji identifikati*

| |
|---|
| Hemm ir-riskju li ma jintlaħqux l-għanijiet operazzjonali jekk il-kwalità tal-output tal-benefiċjarji ma tkunx skont l-għanijiet inizjali kif deskritti fil-proposti annwali<br><br>Hemm riskju ta' theddida għall-interessi/ir-reputazzjoni finanzjarja tal-UE jekk is-servizzi tal-Kummissjoni ma jirnexxilhomx jidentifikaw l-infiq ineliġibbli |

#### *2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previst(i)*

| |
|---|
| Riskju li ma jintlaħqux l-għanijiet operattivi:<br><br>- Il-benefiċjarji huma mitluba jissottomettu rapport annwali, skont l-għanijiet individwali ta' kull programm u konformi mal-linji gwida tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.<br><br>- L-unitajiet operazzjonali responsabbli fid-DĠ MARKT ikollhom kuntatti regolari mal-benefiċjarji u partikolarment jipparteċipaw fil-kumitati kollha tal-EFRAG<br><br>Riskju ta' theddida għall-interessi finanzjarji tal-UE:<br><br>- Kontrolli tal-impenji ta' għotjiet u pagamenti fid-DĠ MARKT isegwu ċ-ċirkwit finanzjarju rinfurzat u jinkludu kontrolli fl-uffiċċji ta' dokumenti ta' sostenn rilevanti, inklużi rapporti interim u finali, il-kontijiet awditjati u dokumenti speċifiċi mitlub mid-DĠ. Dawn il-kontrolli huma dokumentati f'listi ta' kontroll li jimtlew sistematikament mill-atturi kollha involuti fi tranżazzjonijiet finanzjarji rispettivi (OIA,OVA,OVA2,FIA, FVA, FVA2, AO), inklużi l-kontrolli mwettqa mill-unità |

| |
|---|
| finanzjarja tad-DĠ fuq kwistjonijiet finanzjarji u legali sabiex jingħata l-"Bon à Payer"<br><br>- L-unità finanzjarja tad-DĠ twettaq sistematikament kontrolli fuq il-post fuq kull benefiċjarju b'testjar sustantiv ta' kampjun ta' tranżazzjonijiet bl-għan li tivvaluta s-sistema finanzjarja u tal-kontroll intern tal-benefiċjarju u biex tipprovdi l-AO b'garanzija addizzjonali fuq il-protezzjoni suffiċjenti tal-interessi finanzjarji tal-UE<br><br>L-ogħla rata ta' żball tibqa' taħt 2 %<br><br>L-ispiża tal-kontrolli tkun ta' madwar 0.5 FTE jew EUR 63 500 fis-sena.<br><br>Il-benefiċċju tal-kontrolli jkun 100 % tal-ammont annwali mogħti minfuq b'mod adegwat u skont il-prinċipju tal-immaniġġjar finanzjarju tajjeb. |

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.*

| |
|---|
| Ċirkwiti finanzjarji rinfurzati b'verifika operazzjonali ex-ante kif ukoll finanzjarja<br><br>Analiżi regolari tal-kontijiet, ir-rapporti annwali u ċ-ċertifikati tal-awditjar tal-benefiċjarji<br><br>Awditi regolari fuq il-post għall-verifika tas-sistemi u kontrolli baġitarji |

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura /i tal-baġit tan-nefqa affettwati

- Intestaturi tal-baġit tan-nefqa eżistenti[21]

<u>Skont</u> l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-baġit.

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Intestatura tal-baġit | Tip ta' **nefqa** | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Numru Deskrizzjoni** | Diff/Mhux diff. (22) | **mill-pajjiżi tal-EFTA**[23] | **mill-pajjiżi kandidati**[24] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| 1 | **12.0301**<br><br>Standards fl-oqsma tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar[25] | Diff | LE | LE | LE | LE |

---

[21] Intestatura tal-baġit 12.0301 indikata hawn taħt tirreferi għan-nomenklatura ġdida għal MFF 2014-2020. Tikkorrispondi għall-intestatura tal-baġit 12.0401 f 'MFF 2007-2013.

[22] Diff.= Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. Approprjazzjonijiet mhux differenzjati

[23] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[24] Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Punent tal-Balkani.

[25] L-intestatura tal-baġit hija indikattiva u tista' titbiddel wara tal-proċedura annwali"

- Intestaturi tal-baġit ġodda mitluba: N/A.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*EUR miljuni fi prezzijiet attwali (sa 3 punti deċimali)*

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:** | **Numru: 1** | Intestatura Tkabbir Intelliġenti u Inklussiv |
|---|---|---|

| DĠ MARKT | | | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | | |
| 12.0301 Fondazzjoni tal-IFRS | Impenji | (1) | 4.335 | 4.422 | 4.510 | 4.600 | 4.692 | 4.786 | 4.882 | 0 | **32.227** |
| | Pagamenti | (2) | 3.251 | 4.400 | 4.488 | 4.578 | 4.669 | 4.763 | 4.858 | 1.220 | **31.007** |
| 12.0301 EFRAG | Impenji | (1a) | 3.162 | 3.225 | 3.290 | 3.356 | 3.423 | 3.491 | 3.561 | 0 | **23.508** |
| | Pagamenti | (2a) | 2.372 | 3.209 | 3.274 | 3.339 | 3.406 | 3.474 | 3.543 | 0.891 | **22.617** |
| 12.0301 PIOB | Impenji | (1a) | 0.306 | 0.312 | 0.318 | 0.325 | 0.331 | 0.338 | 0.345 | 0 | **2.275** |
| | Pagamenti[26] | (2a) | 0.000 | 0.306 | 0.312 | 0.318 | 0.325 | 0.331 | 0.338 | 0.345 | **1.930** |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi[27] | | | | | | | | | | | |
| Numru tal-intestatura baġitarja | | (3) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | | 0 |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI** għad-DĠ MARKT | Impenji | =1+1a+3 | 7.803 | 7.959 | 8.118 | 8.281 | 8.446 | 8.615 | 8.788 | 0 | **58.010** |
| | Pagamenti | =2+2a+3 | 5.623 | 7.915 | 8.074 | 8.235 | 8.400 | 8.568 | 8.739 | 2.456 | **55.554** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 7.803 | 7.959 | 8.118 | 8.281 | 8.446 | 8.615 | 8.788 | 0 | **58.010** |
| | Pagamenti | (5) | 5.623 | 7.915 | 8.074 | 8.235 | 8.400 | 8.568 | 8.739 | 2.456 | **55.554** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | 0 | **0** |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt INTESTATURA <1>** tal-qafas finanzjarju plurieannali | Impenji | =4+ 6 | 7.803 | 7.959 | 8.118 | 8.281 | 8.446 | 8.615 | 8.788 | 0 | **58.010** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 5.623 | 7.915 | 8.074 | 8.235 | 8.400 | 8.568 | 8.739 | 2.456 | **55.554** |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt INTESTATURI 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju plurieannali | Impenji | =4+ 6 | 7.803 | 7.959 | 8.118 | 8.281 | 8.446 | 8.615 | 8.788 | 0 | **58.010** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 5.623 | 7.915 | 8.074 | 8.235 | 8.400 | 8.568 | 8.739 | 2.456 | **55.554** |

26 Il-pagamenti lill-PIOB se jsiru mingħajr prepagamenti u f'operazzjoni waħda tas-sena ta' wara

27 L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew l-azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-intestaturi "BA"), tar-riċerka indiretta u tar-riċerka diretta.

| (Ammont ta' referenza) | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali: | 5 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

| DĠ: MARKT | | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Riżorsi umani | | 0.548 | 0.548 | 0.548 | 0.548 | 0.548 | 0.548 | 0.548 | **3.836** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0.025 | 0.025 | 0.025 | 0.025 | 0.025 | 0.025 | 0.025 | **0.175** |
| TOTAL DĠ MARKT | Approprjazzjonijiet | 0.573 | 0.573 | 0.573 | 0.573 | 0.573 | 0.573 | 0.573 | **4.011** |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju plurieannali | (Impenji totali = Pagamenti totali) | 0.573 | 0.573 | 0.573 | 0.573 | 0.573 | 0.573 | 0.573 | **4.011** |

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

| | | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju plurieannali | Impenji | 8.376 | 8.532 | 8.691 | 8.854 | 9.019 | 9.188 | 9.361 | **62.021** |
| | Pagamenti | 6.196 | 8.488 | 8.647 | 8.808 | 8.973 | 9.141 | 9.312 | **59.565** |

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– X Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt: N/A (għotjiet operattivi)

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

– X Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

| | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0.548 | 0.548 | 0.548 | 0.548 | 0.548 | 0.548 | 0.548 | **3.836** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0.025 | 0.025 | 0.025 | 0.025 | 0.025 | 0.025 | 0.025 | **0.175** |
| **Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 0.573 | 0.573 | 0.573 | 0.573 | 0.573 | 0.573 | 0.573 | **4.011** |
| **Mhux taħt l-INTESTATURA 5[28] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal Barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | 0.573 | 0.573 | 0.573 | 0.573 | 0.573 | 0.573 | 0.573 | **4.011** |

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx użu ta' riżorsi umani

– X Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima għandha tkun espressa f'unitajiet full time (jew l-aktar sa ċifra waħda wara l-punt deċimali)*

| | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Karigi fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | 4.125 | 4.125 | 4.125 | 4.125 | 4.125 | 4.125 | 4.125 |

[28] L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew l-azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-intestaturi "BA"), tar-riċerka indiretta u tar-riċerka diretta.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE)**[29] | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (CA, INT, ENS mill-"pakkett globali") | 0.375 | 0.375 | 0.375 | 0.375 | 0.375 | 0.375 | 0.375 |
| XX 01 02 02 (CA, INT, JED, AL u ENS fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| XX 01 04 yy[30] – fil-Kwartieri ġenerali[31] | | | | | | | |
| XX 01 04 yy[30] – - fid-delegazzjonijiet | | | | | | | |
| XX 01 05 02 (CA, INT, ENS – Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (CA, INT, ENS - Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Intestatura tal-baġit oħra (speċifika) | | | | | | | |
| **TOTAL** | **4.5** | **4.5** | **4.5** | **4.5** | **4.5** | **4.5** | **4.5** |

XX huwa l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu minn persunal mid-DĠ li huwa diġà assenjat għall-immaniġġjar tal-azzjoni u/jew li diġà ġie trasferit fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' mmaniġġjar skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | 5 uffiċjali AD u 6 uffiċjali AST, prorata skont l-għadd ta' fajls trattati. Kompiti: jagħtu bidu għall-kompiti tal-aġenti, jivverifikaw il-kompiti tal-aġenti, iżommu kuntatt mal-benefiċjarju, superviżjoni. |
| Persunal estern | Aġent kuntrattwali 1, proratat skont l-għadd ta' fajls trattati. Kompiti: reġistrazzjoni, appoġġa għall-ippjanar u l-preparazzjoni ta' missjonijiet. |

29 CA= Aġent Kuntrattwali; INT= persunal tal-aġenziji ("Intérimaire"); JED= "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet); LA= Aġent Lokali; ENS= Espert Nazzjonali Sekondat;

30 Taħt il-limitu massimu għal persunal estern minn approprjazzjonijiet operazzjonali (qabel kienu intestaturi "BA").

31 Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali*

– X Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-proposta għall-qafas finanzjarju plurieannali l-ġdid 2014-2020

– ☐ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi riprogrammar tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| Spjega x'riprogrammar huwa meħtieġ, billi tispeċifika l-intestatura tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |
|---|

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju plurieannali[32].

| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |
|---|

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– Il-proposta/inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament estimat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| | **2014** | **2015** | **2016** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Fondazzjoni tal-IFRS bil-fondi proprji tiegħu u bil-fondi li jaslu mingħand partijiet terzi<br><br>(kofinanzjament medju mill-benefiċjarju 87%) | 24.873 | 27.576 | 30.278 | 32.977 | 35.674 | 38.370 | 41.064 | 230.813 |
| EFRAG bil-fondi proprji tiegħu u bil-fondi li jaslu mingħand partijiet terzi<br><br>(kofinanzjament medju mill-benefiċjarju 60%) | 4.338 | 4.675 | 4.910 | 5.044 | 5.277 | 5.409 | 5.439 | 35.093 |
| PIOB bil-fondi proprji tiegħu u bil-fondi li jaslu mingħand partijiet terzi<br><br>(kofinanzjament medju mill-benefiċjarju 78%) | 1.084 | 1.106 | 1.128 | 1.151 | 1.174 | 1.197 | 1.221 | 8.061 |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | 30.295 | 33.357 | 36.316 | 39.172 | 42.126 | 44.976 | 47.724 | 273.967 |

## 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– X Il-proposta/inizjattiva ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

[32] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

– ☐ fuq id-dħul mixxellanju